SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

16 ta' Lulju 2009*

Fil-Kawża C-208/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Bayerisches Landessozialgericht (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Marzu 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' April 2007, fil-proċedura

Petra von Chamier-Glisczinski

vs

Deutsche Angestellten-Krankenkasse,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President tal-Awla, A. Ó Caoimh (Relatur), J. N. Cunha Rodrigues, U. Lõhmus u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Ġunju 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għas-Sur von Chamier-Glisczinski, aventi kawża ta' P. Chamier-Glisczinski, minn O. Kieferle, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Norveġiż, minn J. A. Dalbakk u P. Wennerås u kif ukoll minn K. Floistad, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn V. Kreuschitz, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi [tas-sistemi] tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), kif emendat permezz tar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Nru 1386/2001, tal-5 ta' Ġunju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 129, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71"), u kif ukoll tal-Artikoli 18 KE, 39 KE u 49 KE, u l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2434/92, tas-27 ta' Lulju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 69, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1612/68").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn P. von Chamier-Glisczinski u Deutsche Angestellten-Krankenkasse (fond ta' assigurazzjoni għas-saħħa tal-impjegati, iktar 'il quddiem id-"DAK"), dwar ir-rifjut għar-rimbors ta' ċerti spejjeż ta' kura fi stabbiliment speċjalizzat li jinsab fl-Awstrija.

3 P. von Chamier-Glisczinski mietet fl-20 ta' Mejju 2007. Ir-raġel tagħha kompla l-kawża prinċipali f'isimha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt Komunitarju

4 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1408/71 jistipula li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar:

"(a) 'persuna impjegata' u 'persuna li taħdem għal rasha' jfissru rispettivament:

(i) kull persuna li tkun assigurata, fuq bażi obbligatorja jew fuq bażi mhux obbligatorja l-ħin kollu, għal kontinġenza waħda jew aktar, koperti mill-fergħat ta' skema [sistema] tas-sigurtà soċjali għal persuni impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom jew minn skema speċjali għall-uffiċjali;

[…]

f) i) 'membri tal-familja' tfisser kull persuna ddefinita jew rikonoxxuta bħala membru tal-familja […] bil-leġislazzjoni li taħtha jkunu pprovduti l-benefiċċji jew

[…]

h) ‘residenza’ tfisser il-post abitwali ta’ residenza;

i) ‘waqfien/għixien’ [residenza] ifissru residenza tempor[an]ja;

[…]

o) ‘istituzzjoni kompetenti’ tfisser

i) l-istituzzjoni li magħha l-persuna interessata tkun assigurata fiż-żmien ta' l-applikazzjoni għall-benefiċċju

jew

[…]

p) ‘istituzzjoni tal-post tar-residenza’ u ‘istituzzjoni tal-post tal-waqfa’ ifissru rispettivament l-istituzzjoni li hija kompetenti li tipprovdi l-benefiċċji fil-post fejn il-persuna interessata tirrisjiedi u l-istituzzjoni li hija kompetenti li tipprovdi l-benefiċċji fil-post fejn il-persuna interessata tkun waqfet, skond il-leġislazzjoni amministrata minn din l-istutizjoni jew, fejn ma tiżistix istituzzjoni bħal din, l-istituzzjoni nominata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru involut;

q) ‘Stat kompetenti’ jfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-istituzzjoni kompetenti;

[…]”

5 L-Artikolu 2(1) ta’ dan ir-regolament jistipula:

“Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ħaddiema impjegati jew li jaħdmu għal rashom u għall-istudenti li jew kienu soġġetti għall-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar u li huma ċ-ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri jew li huma persuni mingħajr Stat jew rifuġjati li jirrisjedu ġewwa t-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom u s-superstiti tagħhom.”

6 Skont l-Artikolu 4(1)(a), ir-Regolament Nru 1408/71 japplika għal-leġiżlazzjonijiet kollha relatati mal-oqsma ta’ sigurtà soċjali li jikkonċernaw, b’mod partikolari, il-“benefiċċji tal-mard”.

7 Imniżżel fit-taqsima 2, intitolat “Il-ħaddiema u l-membri tal-familja tagħhom”, tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71, l-Artikolu 19 ta’ dan tal-aħħar, intitolat “Residenza fi Stat Membru għajr l-Istat kompetenti — Regoli ġenerali”, jistipula:

“1. Ħaddiem [impjegat jew li jaħdem għal rasu] li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat kompetenti, illi jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta'

l-Istat kompetenti biex ikun intitolat għall-benefiċċji [...] għandu jirċievi fl-Istat fejn huwa residenti:

a) il-benefiċċji f'oġġetti [in natura] pprovduti fl-interess ta' l-istituzzjoni kompetenti mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza bi qbil mal-leġislazzjoni amministrata minn din l-istituzzjoni daqs li kieku kien assigurat magħha;

b) il-benefiċċji fi flus ipprovduti mill-istituzzjoni kompetenti bi qbil mal-leġislazzjoni li tamministra. Madankollu, bi ftehim bejn l-istituzzjoni kompetenti u l-istituzzjoni tal-post tar-residenza, dawn il-benefiċċji jistgħu jiġu mogħtija mill-istituzzjoni ta' l-aħħar fl-interess ta' l-ewwel, bi qbil mal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw b'analoġija għall-membri tal-familja li tkun residenti fit-territorju ta' Stat Membru għajr l-Istat kompetenti, fejn ma jkunux intitolati għal dawn il-benefiċċji skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu jirrisjedu.

[...]"

8 Imniżżel fl-istess taqsima, l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 huwa intitolat "Għixien 'il barra l-Istat kompetenti — Ritorn lejn jew trasferiment tar-residenza fi Stat

Membru ieħor matul il-mard jew il-maternità — Il-ħtieġa tat-tluq lejn Stat Membru ieħor sabiex tiġi rċevuta l-kura xierqa". Skont dan l-Artikolu:

"1. Ħaddiem [impjegat jew li jaħdem għal rasu] illi jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti għalbiex ikun intitolat għall-benefiċċji […] u:

[…]

b) li, wara li jkun sar intitolat għall-benefiċċji mħallsa bi dritt mill-istituzzjoni kompetenti, jiġi awtoriazzat minn din l-istituzzjoni li […] jittrasferixxi r-residenza tiegħu lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor,

[…]

għandu jkun intitolat:

i) għall-benefiċċji f'oġġetti [in natura] provduti fl-interess ta' l-istituzzjoni kompetenti mill-istituzzjoni tal-post ta' l-għixien jew tar-residenza bi qbil mal-leġislazzjoni li tamministra, daqs li kieku kien assigurat magħha; iżda, it-tul tal-perijodu taż-żmien li matulu jiġu pprovduti l-benefiċċji għandhom ikunu regolati mil-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti;

ii) għall-benefiċċji fi flus provduti mill-istituzzjoni kompetenti bi qbil mal-leġislazzjoni li (din l-istituzzjoni) tamministra. Madankollu, bi ftehim bejn l-istituzzjoni kompetenti u l-istituzzjoni tal-post tal-għixien jew tar-residenza, dawn il-benefiċċji jistgħu jiġu provduti mill-istituzzjoni ta' l-aħħar fl-interess ta' l-ewwel, bi qbil mal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti.

2. L-awtorizzazzjoni meħtieġa skond il-[punt] 1(b) tista' tiġi rrifjutata biss jekk jiġi stabbilit illi ċ-ċaqliq tal-persuna interessata jkun ta' preġudizzju għall-istat ta' saħħtu jew għar-riċeviment ta' kura medika.

[…]

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-membri tal-familja ta' ħaddiem fejn jidħlu benefiċċji f'oġġetti.

[…]"

9 Skont l-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 1408/71, il-benefiċċji in natura pprovduti, b'mod partikolari konformi mal-Artikoli 19 u 22 ta' dan ir-regolament, mill-istituzzjoni ta' Stat Membru wieħed fl-interess ta' Stat Membru ieħor għandhom jiġu mħallsa lura għal kollox. Rimbors tali huwa ddeterminat u mwettaq skont l-Artikoli 93 sa 95 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72, tal-21 ta' Marzu 1972, li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 83).

10 Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68:

"1. Dawn li ġejjin għandhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom, ikollhom id-dritt li jinstallaw ruħhom ma' ħaddiem li hu ċittadin ta' Stat Membru wieħed u li hu mpjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor:

a) il-mara tiegħu u d-dixxendenti tagħhom li huma taħt l-età ta' 21 sena jew huma dipendenti;

[…]"

Id-dritt Ġermaniż

11 It-Titolu XI tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali (Sozialgesetzbuch, iktar 'il quddiem l-"SGB XI") jistipula sistema ta' assigurazzjoni għar-riskju ta' dipendenza (iktar 'il quddiem, l-"assigurazzjoni għad-dipendenza").

12 Fir-risposta bil-miktub tiegħu, li wasslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' April 2008, għad-domanda bil-miktub li kienet bagħtitilu l-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Marzu 2008, il-Gvern Ġermaniż spjega ċerti aspetti ta' din is-sistema. Jirriżulta minn din ir-risposta, moqrija flimkien mal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li l-imsemmija sistema tipprevedi diversi forom ta' intervenzjoni favur persuni dipendenti, b'mod partikolari benefiċċji ta' assistenza in natura ("Pflegesachleistung"), irregolati permezz tal-Artikolu 36 tas-SGB XI, benefiċċju ta' dipendenza għall-kura mħallsa mill-individwu ("Pflegegeld", iktar 'il quddiem, il-"benefiċċju ta' dipendenza"), regolata mill-Artikolu 37 tas-SGB XI, benefiċċji mħallta

("Kombinationsleistung"), irregolati mill-Artikolu 38 tas-SGB XI, kif ukoll assistenza totali f'dar ta' kura ("vollstationäre Pflege"), irregolata mill-Artikolu 43 tas-SGB XI.

13 Skont l-Artikolu 36 tas-SGB XI, il-persuni li jeħtieġu assistenza u kura fi djarhom huma intitolati għal benefiċċji in natura mogħtija minn impjegati li jaħdmu fil-kliniċi tas-saħħa rikonoxxuti mill-Pflegekasse (iktar 'il quddiem il-"fondi ta' assigurazzjoni għad-dipendenza"). L-ispejjeż għal servizzi bħal dawn jinħarġu minn dan il-fond ta' assigurazzjoni fil-limitu ta' livell massimu, li jvarja skont il-grad ta' dipendenza tal-benefiċjarju. Għall-kategorija III, fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, dan il-limitu kien ta' DEM 2 800 (madwar EUR 1 432) fix-xahar u seta' jitla' sa DEM 3 750 (madwar EUR 1 918) fix-xahar f'każi fejn ikun hemm ħtieġa għal assistenza intensiva. L-imsemmi fond iħallas għas-servizzi kkonċernati skont tariffi ddefiniti fil-ftehim dwar is-servizzi li ġie konkluż bejn is-servizzi ambulatorji differenti. Il-kura medika mitluba fid-djar ma taqax taħt il-benefiċċji in natura li jissemmew fl-Artikolu 36 tas-SGB XI, iżda hija koperta minn assigurazzjoni għall-mard.

14 Il-benefiċċju ta' dipendenza previst fl-Artikolu 37 tas-SGB XI jippermetti lill-persuni dipendenti li jibbenefikaw minn benefiċċju tal-kura fix-xahar meta jiksbu b'mod awtonomu s-servizzi tal-kura u tal-assistenza li jeħtieġu. Il-benefiċċju jista' jintuża liberament mill-benefiċjarju u għalhekk anki biex jitħallsu servizzi li ma jkunux koperti mill-assigurazzjoni għad-dipendenza jew li jingħataw minn stabbilimenti li mhumiex irrikonoxxuti. Anki l-ammont tal-benefiċċju jvarja skont il-grad ta' dipendenza. Għall-kategorija III, fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, dan l-ammont kien ta' DEM 1 300 (madwar EUR 665) fix-xahar.

15 L-Artikolu 38 tas-SGB XI jirregola l-benefiċċji mħallta, jiġifieri simultanjament il-benefiċċji in natura fis-sens tal-Artikolu 36 tas-SGB XI u l-benefiċċju ta' dipendenza previst fl-Artikolu 37 tas-SGB XI. Skont l-Artikolu 38, l-assigurat li ma jużax il-benefiċċji kollha li huwa intitolat għalihom skont l-imsemmi Artikolu 36 jista' jikseb b'mod parallel l-benefiċċju ta' dipendenza msemmi fl-imsemmi Artikolu 37, iżda l-ammont ta' dan il-benefiċċju jitnaqqas madankollu b'perċentwali daqs dik tal-użu tal-benefiċċji in natura kkonċernati fl-imsemmi Artikolu 36. Għandu jkun il-benefiċjarju li jiddeċiedi f'liema perċentwali biħsiebu jagħmel użu minn dawn il-benefiċċji in natura.

Jirriżulta mill-fajl imressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-benefiċċji mħallta għandhom l-għan li jagħtu iktar awtonomija fl-organizzazzjoni tal-assistenza fid-djar tal-persuna dipendenti.

16 Għall-parti li taqbeż il-limiti previsti mill-assigurazzjoni għad-dipendenza, l-ispejjeż ta' benefiċċji tal-kura jibqgħu akkarigu tal-persuna dipendenti.

17 Barra dan, skont l-Artikolu 43 tas-SGB XI, li t-test tiegħu huwa riprodott fl-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-persuni dipendenti għandhom dritt għal assistenza sħiħa f'dar ta' kura meta l-assistenza fid-djar jew l-assistenza parzjali f'dar ta' kura ma tkunx possibbli jew mhijiex rilevanti minħabba l-karatteristiċi partikolari tal-każ. F'sitwazzjoni tali, il-fond ta' assigurazzjoni għad-dipendenza jkopri b'rata fissa l-ispejjeż ta' assistenza, kura medika u assistenza soċjali. Fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, din ir-rata fissa ta' kull xahar kienet, għall-persuni dipendenti li jaqgħu taħt il-kategorija III, ta' DEM 2 800 (madwar EUR 1 432) u f'każijiet eċċezzjonali li jitolbu assistenza partikolarment intensiva, ta' DEM 3 300 (madwar EUR 1 688). B'kollox, l-ammonti rimborsati mill-fond ta' assigurazzjoni ma għandhomx jaqbżu 75 % tal-ammont totali tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni fl-istitut speċjalizzat li tibbenefika minnhom il-persuna dipendenti. L-assigurat li jagħżel l-assistenza kollha f'dar ta' kura minkejja li l-imsemmi fond ta' assigurazzjoni għad-dipendenza jikkonstata li dan mhuwiex neċessarju, fid-dawl tal-istat tiegħu, huwa intitolat għal kontribuzzjoni li tikkorrispondi għal-limitu previst fl-Artikolu 36 tas-SGB XI għall-kategorija ta' dipendenza li huwa jagħmel parti minnha.

18 Barra minn dan, l-Artikolu 34 (1)(1) tas-SGB XI, li jagħmel parti mid-dispożizzjonijiet komuni ta' dan it-test, jistipula, salv ċerti eċċezzjonijiet ta' residenza temporanja, li huma irrilevanti fil-kawża prinċipali, li d-dritt għal benefiċċji huwa sospiż sakemm l-assigurat ikun imsiefer. Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li dan l-artikolu għandu jinqara' fid-dawl tas-sentenza tal-5 ta' Marzu 1998, Molenaar (C-160/96, Ġabra p. I-843, punti 39 u 44), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 19(1), 25(1) u 28(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludu benefiċċju bħal dak tal-benefiċċju ta' dipendenza previst fl-Artikolu 37 tas-SGB XI milli jkun suġġett għar-residenza tal-assigurat fit-territorju tal-Istat tal-assigurazzjoni. Jirriżulta mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-awtoritajiet Ġermaniżi jikkunsidraw li din is-sentenza timponi l-għoti, barra mit-territorju tal-Ġermanja, tal-benefiċċju ta' dipendenza, fil-konfront ta'

benefiċċju mħallas, iżda mhux tal-benefiċċji li d-dritt Ġermaniż jikkwalifika bħala benefiċċji in natura, bħal dawk ikkonċernati mill-Artikoli 36 jew 43 tas-SGB XI.

19 Fl-aħħar, jirriżulta wkoll mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li, bis-saħħa tal-Artikolu 72 tas-SGB XI, il-fondi ta' assigurazzjoni għad-dipendenza jistgħu jħallsu għal assistenza totali fis-sens tal-Artikolu 43 tal-istess test biss fil-kuntest ta' stabbilimenti speċjalizzati ta' kura li huma rikonoxxuti fis-sens ta' dan it-test.

Id-dritt Awstrijak

20 Huwa stabbilit li d-dritt Awstrijak ma jipprevedix benefiċċji in natura maħsuba sabiex ikopru r-riskju ta' dipendenza, tal-inqas għall-persuni li jinsabu f'sitwazzjoni bħal dik ta' P. von Chamier-Glisczinski.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21 Mid-deċiżjoni tar-rinviju, jirriżulta li P. von Chamier-Glisczinski, ċittadina Ġermaniża residenti f'Munich (il-Ġermanja), billi kienet f'sitwazzjoni ta' dipendenza, kienet tirċievi mid-DAK, l-entità tas-sigurtà soċjali li kienet assigurata magħha permezz tar-raġel tagħha, il-benefiċċji mħallta tal-assigurazzjoni għad-dipendenza pprovduti fl-Artikolu 38 tas-SGB XI li tikkorrispondi għall-Kategorija III.

22 F'risposta għal talba għal kjarifikazzjonijiet mibgħuta lill-qorti tar-rinviju bis-saħħa tal-Artikolu 104(5) tar-Regoli tal-Proċedura, din tal-aħħar bagħtet żewġ ittri lill-Qorti tal-

Ġustizzja, li wasslu fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 u fit-18 ta' April 2008 rispettivament, waħda mir-rikorrenti u, l-oħra, mid-DAK.

23 Fl-ittra tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, huwa indikat b'mod partikolari li s-Sur von Chamier-Glisczinski ġie impjegat fil-Ġermanja mill-1 ta' Marzu 1987 sat-30 ta' Ġunju 2002, iżda li nħeles mill-obbligu tiegħu li jirrendi s-servizzi effettivi relatati mal-impjieg tiegħu minn Awwissu 2001, bis-saħħa ta' *addendum* ta' tmiem tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu. Fis-seduta għat-trattazzjoni, is-Sur von Chamier-Glisczinski, f'risposta għal ċerti domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, ippreċiża fost affarijiet oħra li r-raġuni ta' dan l-*addendum* kienet, b'mod partikolari tikkonsisti fil-fatt li huwa qies li ma kienx kapaċi bl-istess mod bħal qabel li jiżgura l-kura domiċiljari meħtieġa mill-istat ta' martu.

24 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u kif ukoll mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li, fis-27 ta' Awwissu 2001, is-Sur von Chamier-Glisczinski talab, essenzjalment, lid-DAK li l-benefiċċji tal-assigurazzjoni għad-dipendenza li P. von Chamier Glisczinski kienet intitolata għalihom bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża jingħatawlha fil-forma ta' assistenza totali prevista fl-Artikolu 43 tas-SGB XI, f'dar tal-kura li tinsab fl-Awstrija li fiha hija xtaqet tirrisjedi (iktar 'il quddiem it-"talba tas-27 ta' Awwissu 2001"). Fis-seduta għat-trattazzjoni, is-Sur von Chamier Glisczinski ppreċiża f'dan ir-rigward li, b'perspettiva li jmexxi f'ismu impriża viċin Salzburg (l-Awstrija), huwa xtaq iqiegħed lil martu f'dar tal-kura fil-viċinanza ta' dan il-villaġġ.

25 It-talba tas-27 ta' Awwissu 2001 ġiet miċħuda mid-DAK b'deċiżjoni tal-31 ta' Awwissu 2001, b'mod partikolari minħabba li, f'sitwazzjoni bħal dik ta' P. von Chamier-Glisczinski, id-dritt Awstrijak ma jipprevedix l-għoti ta' benefiċċji in natura favur l-assigurati ta' sistema tas-sigurtà soċjali ta' dan l-Istat Membru. Skont id-DAK, P. von Chamier-Glisczinski kienet madankollu intitolata għall-benefiċċju ta' dipendenza msemmi fl-Artikolu 37 tas-SGB XI għall-kategorija III, jiġifieri DEM 1 300 kull xahar.

26 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li, mis-17 ta' Settembru 2001 sat-18 ta' Diċembru 2003, P. von Chamier-Glisczinski kienet residenti f'dar ta' kura stabbilita fl-Awstrija, li

hija kienet marret fiha, u dan skont din id-deċiżjoni, minħabba li r-raġel tagħha kellu l-ħsieb li jfittex xogħol f'dan il-pajjiż.

27 Madankollu, huwa ddikjarat fl-ittra tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali msemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza li s-Sur von Chamier-Glisczinski fittex xogħol fl-Awstrija minn Awwissu 2001 sabiex "ikun jista' jkun viċin il-mara tiegħu". Barra dan, fis-seduta għat-trattazzjoni, is-Sur von Chamier-Glisczinski indika li, bl-għan li jmexxi f'ismu l-impriża Awstrijaka msemmija fil-punt 24 ta' din is-sentenza, huwa kien għadda l-parti l-kbira taż-żmien f'Salzburg, filwaqt li żamm ir-residenza tiegħu f'Munich. Huwa ppreċiża wkoll f'din is-seduta li, fi Frar 2002, in-negozjati għall-bejgħ tal-imsemmija impriża kienu fallew, b'mod li, f'dan l-istadju, huwa kellu jfittex xogħol fl-Awstrija.

28 B'deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2002, id-DAK ċaħad l-ilment kontra d-deċiżjoni tiegħu tal-31 ta' Awwissu 2001. Jirriżulta mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li r-raġuni prinċipali ta' din iċ-ċaħda kienet li l-assistenza totali f'dar tal-kura prevista fl-Artikolu 43 tas-SGB XI ma tistax tiġi "esportata", billi dan kien benefiċċju in natura. Skont id-DAK, skont is-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, biss il-benefiċċju ta' dipendenza, inkwantu benefiċċju imħallas, seta' jiġi pprovdut fl-Awstrija minkejja l-limitazzjoni prevista fl-Artikolu 34 tas-SGB XI. Barra dan, l-istabbiliment speċjalizzat ta' kura kkonċernat li jinsab fl-Awstrija ma kienx, skont id-DAK, rikonoxxut mis-SGB XI, filwaqt li, anki fil-Ġermanja, l-assistenza totali prevista fl-Artikolu 43 tas-SGB XI setgħet tingħata biss fl-istabbilimenti rikonoxxuti mis-SGB XI.

29 Fis-seduta għat-trattazzjoni, is-Sur von Chamier Glisczinski ppreċiża li, fl-aħħar tas-sena 2003, huwa kien beda negozju fil-Ġermanja, li kien ittrasferixxa r-residenza tiegħu f'Laufen (il-Ġermanja) u li reġa' ġab il-mara tiegħu l-Ġermanja. Jirriżulta mill-ittra tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali msemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza li, mix-xahar ta' Lulju 2004, P. von Chamier-Glisczinski setgħet tingħata l-kura f'dar tal-kura li kienet tinsab fil-viċinanzi ta' Laufen, lokalità li fiha r-raġel tagħha kien stabbilixxa l-uffiċċju rreġistrat tan-negozju tiegħu f'April 2004.

30 Jirriżulta mill-ittra tad-DAK imsemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza li s-Sur von Chamier-Glisczinski kien assigurat minnha:

— b'mod fakultattiv sat-30 ta' Ġunju 2002, bħala impjegat;

— b'mod obbligatorju għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2002 sat-18 ta' Diċembru 2003, meta kien irreġistrat bħala li qed ifittex xogħol permezz tal-aġenzija tal-impjieg ta' Munich, li mingħandha rċieva benefiċċji tal-qgħad, u

— mid-19 ta' Diċembru 2003, bħala persuna li taħdem għal rasha.

31 B'deċiżjoni tal-11 ta' Ottubru 2005, is-Sozialgericht München (qorti li tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali ta' Munich) ċaħdet ir-rikors kontra d-deċiżjoni tad-DAK tal-20 ta' Marzu 2002.

32 Fil-kuntest tal-appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bayerisches Landessozialgericht (qorti reġjonali superjuri li tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali tal-Land tal-Bavarja), ir-rikorrenti żżomm it-talba għar-rimbors tagħha, għall-perijodu bejn is-17 ta' Settembru 2001 u t-18 ta' Diċembru 2003, tal-ispejjeż relatati mat-tqegħid fid-dar tal-kura Awstrijaka għall-ammont tad-differenza bejn il-benefiċċju ta' dipendenza diġà mogħti skont l-Artikolu 37 tas-SGB XI u l-ammont previst mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża għall-assistenza totali msemmija fl-Artikolu 43 tas-SGB XI.

33 Insostenn ta' dawn il-pretenzjonijiet, hija ssostni li l-benefiċċji in natura jikkorrispondu fil-fatt, għad-DAK, għal benefiċċji mħallsa, b'mod li ma jeżisti ebda kriterju differenzjat awtorizzat li jippermetti l-esklużjoni tal-esportazzjoni ta' benefiċċji in natura. Hija żżid li r-rifjut ta' għoti ta' benefiċċji in natura jikser l-Artikolu 39 KE moqri flimkien mal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68, applikabbli b'analoġija. Fl-aħħar, hija tinvoka l-ksur tal-moviment liberu ta' servizzi previst fl-Artikolu 49 KE.

34 Filwaqt li kkunsidrat li l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju huwa neċessarju għas-soluzzjoni tal-kawża, il-Bayerische Landessozialgericht ddeċidiet li tissospendi l-kawża quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 19(1)(a) li eventwalment jinqara mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, fid-dawl tal-Artikolu 18 KE u tal-Artikoli 39 [KE] u 49 KE flimkien mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68, għandu jiġi interpretat fis-sens li impjegat jew persuna li taħdem għal rasha jew membru tal-familja tagħha, ma għandux dritt għal benefiċċju finanzjarju jew rifużjoni, f'isem istituzzjoni kompetenti, min-naħa tal-istituzzjoni tal-post ta' residenza, fil-każ fejn id-dispożizzjonijiet tar-regoli applikabbli għal din l-aħħar istituzzjoni ma jipprovdux, għall-persuni assigurati ma' din l-instituzzjoni, benefiċċji in natura iżda benefiċċji fi flus biss?

2. Fil-każ li dritt ta' dan it-tip ma jeżistix, jeżisti, fid-dawl tal-Artikoli 18 [KE], 39 [KE] u 49 KE, dritt, suġġett għal approvazzjoni minn qabel, għal ħlas mill-istituzzjoni kompetenti, tal-ispejjeż ta' trattament ġewwa dar ta' kura li tinsab fi Stat Membru ieħor, f'ammont ekwivalenti għall-benefiċċji dovuti fl-Istat […] kompetenti?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

35 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju għandha l-għan li tiddetermina jekk ir-Regolament Nru 1408/71 għandux jiġi interpretat, meta jkun il-każ fid-dawl tal-Artikoli 18 KE, 39 KE u 49 KE u billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68, fis-sens li persuna dipendenti, assigurata inkwantu membru tal-familja ta' persuna impjegata jew ta' persuna li taħdem għal rasha, hija intitolata tikseb l-għoti ta' benefiċċju fil-forma ta' rimbors jew ħlas dirett tal-ispejjeż, mill-istituzzjoni kompetenti, meta, għad-differenza tas-sistema tas- sigurtà soċjali tal-Istat kompetenti, dik tal-Istat Membru fejn tirrisjedi din il-persuna ma tipprevedix, għall-assigurati tagħha, l-għoti ta' benefiċċji in natura f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza bħal dik tal-imsemmija persuna.

36 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni f'dan ir-rigward li, kif benefiċċju in natura jista', fil-prattika, jiġi pprovdut fil-forma ta' rimbors tal-ispejjeż, l-esportazzjoni ta' tali benefiċċju mhijiex prekluża u l-assigurat huwa intitolat għall-ħlas tal-ispejjeż korrispettivi mill-istituzzjoni kompetenti f'ammont ekwivalenti għall-benefiċċji dovuti fl-Istat Membru ta' din l-istituzzjoni.

37 Min-naħa l-oħra, il-Gvern tal-Ġermanja u l-Gvern tan-Norveġja u kif ukoll il-Kummissjoni jikkunsidraw li l-Artikolu 19(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1408/71 jiddistingwi ċarament il-benefiċċji in natura mill-benefiċċji fi flus, billi jistabbilixxi mekkaniżmu doppju, li skontu, fl-Istat ta' residenza, persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha tibbenefika, minn naħa, minn benefiċċji in natura konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli fl-istituzzjoni tal-post ta' residenza u, min-naħa l-oħra, minn benefiċċji fi flus skont il-leġiżlazzjoni applikabbli fl-istituzzjoni kompetenti. Għaldaqstant, trasferiment ta' residenza fi Stat Membru ieħor jista' iwassal għal telf totali jew parzjali ta' drittijiet għal benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Fil-kawża prinċipali, peress li, għall-persuni li jinsabu f'sitwazzjoni bħal dik ta' P. von Chamier-Glisczinski, id-dritt Awstrijak jipprevedi biss benefiċċji fi flus, għall-esklużjoni ta' benefiċċji in natura, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma tistax tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 19(1) tar-

Regolament Nru 1408/71 sabiex titlob ir-rimbors ta' ċerti spejjeż imġarrba fi stabbiliment tal-kura speċjalizzata fl-Awstrija.

38 Fuq dawn il-punti, jeħtieġ li jiġi mfakkar mill-bidu nett li, skont l-Artikolu 2(1) tiegħu, ir-Regolament Nru 1408/71 japplika b'mod partikolari għall-ħaddiema impjegati jew li jaħdmu għal rashom li huma jew kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' wieħed jew diversi Stati Membri u li huma ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri, kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom u s-superstiti tagħhom. Skont l-Artikolu 1(a)(i) ta' dan ir-regolament, il-kliem "ħaddiema impjegati" u "[ħaddiema] li jaħdmu għal rashom" jindikaw b'mod partikolari kull persuna li hija assigurata taħt assigurazzjoni obbligatorja jew fakultattiva kontinwata kontra xi eventwalitajiet li jikkorrispondu għall-oqsma ta' sistema tas-sigurtà soċjali li japplikaw għall-ħaddiema impjegati jew għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Bis-saħħa tal-Artikolu 1(f)(i), għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-imsemmi regolament, il-frażi "membri tal-familja" tindika fost l-oħrajn kull persuna definita jew ammessa bħala membru tal-familja mil-leġiżlazzjoni li skontha jsir l-għoti tal-benefiċċji.

39 Minn dan isegwi li l-assigurati bħall-konjuġi von Chamier-Glisczinski jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni personali tar-Regolament Nru 1408/71. Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 30 ta' din is-sentenza, fil-ħin tad-deċiżjonijiet tad-DAK, imsemmija fil-punti 25 u 28 ta' din is-sentenza, li jirrifjutaw l-għoti tal-benefiċċji kollha mitluba u, sussegwentement, li jiċħdu l-ilment mid-deċiżjoni inizjali tagħha, is-Sur von Chamier-Glisczinski kien assigurat b'mod fakultattiv mad-DAK. Min-naħa l-oħra, jirriżulta b'mod partikolari mid-deċiżjoni tar-rinviju li P. von Chamier-Glisczinski kienet assigurata mad-DAK permezz tar-raġel tagħha.

40 Barra minn dan, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li benefiċċji bħal dawk mogħtija fil-kuntest tas-sistema Ġermaniża ta' assigurazzjoni għad-dipendenza, filwaqt li għandhom l-karatteristiċi proprji tagħhom, jaqgħu taħt "benefiċċji tal-mard" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, inkwantu huma għandhom essenzjalment bħala għan li jakkomplixxu l-benefiċċji tal-assigurazzjoni għas-saħħa, li huma wkoll marbuta magħha fuq il-pjan tal-organizzazzjoni, sabiex itejbu l-istat ta' saħħa u l-ħajja tal-persuni dipendenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punti 24 u 25).

41 Għalhekk benefiċċji tali jaqgħu taħt il-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71, li jinkludi l-Artikoli 18 sa 36.

42 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju fformulat din id-domanda fid-dawl tad-diċitura tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1408/71. Moqri fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 1992, Twomey (C-215/90, Ġabra p. I-1823, punt 18), u tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, Ġabra p. I-7091, punt 89), dan l-artikolu jiżgura, akkarigu tal-Istat kompetenti, id-dritt, għall-ħaddiem impjegat jew il-ħaddiem li jaħdem għal rasu u kif ukoll il-membri tal-familja tiegħu residenti fi Stat Membru ieħor, li jkollu bżonn ta' kura fl-Istat Membru ta' residenza, sabiex jibbenefika minn benefiċċji dwar mard in natura mogħtija mill-istituzzjoni ta' dan l-aħħar Stat Membru.

43 Madankollu, f'dan il-każ, fid-dawl tal-kuntest fattwali tal-kawża prinċipali, jeħtieġ jiġi eżaminat jekk, minflok l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1408/71, l-Artikolu 22 ta' dan tal-aħħar jistax jittieħed inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, anki jekk, fuq il-pjan formali, il-qorti tar-rinviju llimitat din il-kwistjoni għall-interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 19, ċirkustanza tali ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jistgħu jkunu utli sabiex tiddeċiedi l-kawża li tkun qiegħda tisma', kemm jekk din il-qorti tkun għamlet referenza għalihom fid-domanda tagħha kemm jekk le (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Trojani, C-456/02, Ġabra p. I-7573, punt 38; tal-15 ta' Settembru 2005, Ioannidis, C-258/04, Ġabra p. I-8275, punt 20, u tas-26 ta' April 2007, Alevizos, C-392/05, Ġabra p. I-3505, punt 64).

44 Jirriżulta mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja li P. von Chamier-Glisczinski, preċedentement għat-talba tagħha tas-27 ta' Awwissu 2001, kienet ibbenefikat diġà minn benefiċċji previsti mis-sistema Ġermaniża ta' assigurazzjoni għad-dipendenza, fil-forma ta' benefiċċji mħallta previsti fl-Artikolu 38 tas-SGB XI. Għaldaqstant jidher li, fil-mument ta' din it-talba, hija ssodisfat il-kundizzjoni ta' dipendenza li tintitolaha għall-benefiċċji previsti minn din is-sistema, inkluż, meta l-assistenza domiċiljari jew l-assistenza parzjali f'dar tal-kura mhijiex possibbli jew mhijiex involuta minħabba partikolaritajiet tal-każ konkret, l-assistenza totali fi stabbiliment tali, konformi mal-Artikolu 43(1) tas-SGB XI.

45 Ċirkustanza tali, kieku kellha tiġi kkonfermata mill-qorti tar-rinviju, tista' twassal sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 22(1)(b) u (3) tar-Regolament Nru 1408/71. Fil-fatt, kif jirriżulta b'mod partikolari mit-titolu tal-imsemmi Artikolu 22, il-paragrafu 1(b) ta' dan tal-aħħar, moqri flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (3) tiegħu, jirrigwarda b'mod partikolari s-sitwazzjoni tat-trasferiment, matul il-perijodu tal-mard, tar-residenza ta' membru tal-familja ta' ħaddiem impjegat jew ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu fi Stat Membru ieħor li mhuwiex dak tal-istituzzjoni kompetenti.

46 F'dan il-każ, mhuwiex madankollu meħtieġ li tittieħed pożizzjoni dwar il-kwistjoni dwar liema mill-Artikoli 19 jew 22(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 jista' jkun applikabbli fiċ-ċirkustanzi fattwali speċifiċi bħal dawk li taw lok għall-kawża prinċipali. Għandu jiġi kkonstatat li, f'sitwazzjoni bħal dik ta' P. von Chamier-Glisczinski, il-mekkaniżmi stabbiliti minn dawn id-dispożizzjonijiet, salv l-awtorizzazzjoni meħtieġa skont l-imsemmi Artikolu 22(1)(b) — li tista' tiġi miċħuda biss jekk huwa ppruvat li ċ-ċaqliq tal-persuna kkonċernata huwa ta' natura li jippreġudika l-istat ta' saħħa tagħha jew l-applikazzjoni tat-trattament mediku -, ma jiddifferenzjawx b'mod sinjifikattiv fir-rigward tar-riżultati tagħhom. Fil-fatt, anki jekk, kif jirriżulta mill-punti 42 u 45 ta' din is-sentenza, l-Artikoli 19 u 22(1)(b) jirrigwardaw sitwazzjonijiet differenti u għandhom għalhekk għanijiet distinti, il-mekkaniżmi stabbiliti minn dawn id-dispożizzjonijiet għandhom it-tnejn l-għan li jiżguraw, b'mod partikolari lil membru tal-familja ta' ħaddiem impjegat jew ħaddiem li jaħdem għal rasu, it-tgawdija, fi Stat Membru ieħor li mhuwiex dak tal-istituzzjoni kompetenti, ta' benefiċċji in natura mogħtija, f'isem din tal-aħħar, mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-istituzzjoni ta' dan l-aħħar Stat Membru, kif ukoll benefiċċji fi flus konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-istituzzjoni kompetenti, imħallsa direttament minn din l-aħħar istituzzjoni, jiġifieri f'isem din tal-aħħar.

47 Kif jirriżulta mill-punti 24, 25 u 32 ta' din is-sentenza, permezz tat-talba tas-27 ta' Awwissu 2001, P. von Chamier-Glisczinski kienet intiża, essenzjalment, sabiex tingħata benefiċċji li huma kkwalifikati bħala benefiċċji in natura mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża, li hija kienet intitolata għalihom taħt din il-leġiżlazzjoni, għall-kura li kienet ser tingħatalha fi stabbiliment tal-kura speċjalizzata fl-Awstrija.

48 Tabilħaqq, fil-kuntest tar-Regolament Nru 1408/71, il-kunċetti ta' benefiċċji in natura u l-benefiċċji fi flus għandhom jingħataw interpretazzjoni awtonoma fid-dritt Komunitarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, Acereda Herrera, C-466/04, Ġabra p. I-5341, punti 29 u 30). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, firrigward tas-sistema ta' assigurazzjoni għad-dipendenza fil-kawża prinċipali, li l-benefiċċji tal-assigurazzjoni għad-dipendenza li jikkonsistu fil-ħlas dirett jew firrimbors tal-ispejjeż ta' stabbiliment speċjalizzat ikkawżati mill-istat ta' dipendenza talpersuna kkonċernata jagħmlu parti mill-kunċett ta' benefiċċji in natura fis-sens tat-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punti 6 u 32, u tat-8 ta' Lulju 2004, Gaumain-Cerri u Barth, C-502/01 u C-31/02, Ġabra p. I-6483, punt 26), inkwantu l-imsemmija benefiċċji jinkludu, b'mod partikolari, l-assistenza totali prevista fl-Artikolu 43 tas-SGB XI.

49 Għandu jiġi meqjus li benefiċċji bħal dawk li huma s-suġġett tat-talba tas-27 ta' Awwissu 2001, minkejja li jikkonsistu fil-ħlas ta' somma ta' flus bħala rimbors tal-ispejjeż, jikkostitwixxu, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, benefiċċji in natura fis-sens tat-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71 u għalhekk, jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan tal-aħħar dwar benefiċċji tali.

50 Għandu jiġi mfakkar, f'dan il-kuntest, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1408/71 fis-sens li assigurat li jinsab f'ċirkustanzi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni jgawdi mill-għoti, fl-Istat Membru tar-residenza tiegħu, ta' benefiċċji in natura sa fejn il-leġiżlazzjoni ta' dan l-aħħar Stat, hi x'inhi d-denominazzjoni iktar speċifika tas-sistema ta' protezzjoni soċjali li dan is-servizz jagħmel parti minnha, tipprevedi l-għoti ta' benefiċċji in natura intiżi sabiex ikopru l-istess riskji bħal dawk koperti mill-assigurazzjoni kkonċernata fl-Istat kompetenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37). Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-kontenut tal-Artikolu 19 u kif ukoll mal-għan li jiġi żgurat lill-ħaddiem impjegat jew lill-ħaddiem li jaħdem għal rasu l-aċċess, fl-Istat Membru ta' residenza, għall-kura li tikkorrispondi għall-istat ta' saħħa tiegħu f'kundizzjonijiet ugwali meta mqabbla mal-persuni assigurati fis-sistema tas-sigurtà soċjali ta' dan l-Istat Membru.

51 Barra minn dan, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 1408/71, il-membri talfamilja fis-sens tal-imsemmi regolament igawdu, bi spejjeż tal-Istat kompetenti, minn benefiċċji in natura mħallsa mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza tagħhom fil-limiti u

skont il-modalitajiet tal-leġiżlazzjoni applikata minn din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1995, Delavant, C-451/93, Ġabra p. I-1545, punt 15).

52 Jirriżulta mill-punt 46 ta' din is-sentenza li, peress li l-mekkaniżmi stabbiliti mill-Artikoli 19 u 22(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 jixxiebhu, għandhom jiġu trattati bl-istess mod l-assigurati li jaqgħu taħt din l-aħħar dispożizzjoni moqrija flimkien mal-Artikolu 22(3) tal-imsemmi regolament.

53 Għaldaqstant, kemm jekk huwa l-Artikolu 19 u kemm jekk huwa l-Artikolu 22(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 li jista' jiġi applikat fil-kawża prinċipali, jeħtieġ li jiġi nnotat li, skont il-mekkaniżmi stabbiliti minn wieħed minn dawn id-dispożizzjonijiet, meta l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza tal-assigurat soċjali kkonċernat ma tipprevedix l-għoti ta' benefiċċji in natura għall-kopertura tar-riskju li għalih qed issir talba għal benefiċċji tali, ir-Regolament Nru 1408/71 ma jirrikjedix, bħala tali, l-għoti ta' dawn il-benefiċċji barra mill-Istat kompetenti minn u f'isem l-istituzzjoni kompetenti.

54 F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1612/68, li huwa msemmi f'din id-domanda preliminari, ma jaffettwax din l-interpretazzjoni.

55 Madankollu, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Gvernijiet Ġermaniż u Norveġiż kif ukoll il-Kummissjoni, l-Artikoli 19 u 22 tar-Regolament Nru 1408/71 ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li, f'każ ta' residenza fi Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat kompetenti, l-aċċess tal-assigurat soċjali għall-benefiċċji in natura jkun irregolat esklużivament mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza, b'mod li, meta l-leġiżlazzjoni ta' dan l-aħħar Stat Membru ma tipprevedix l-għoti ta' benefiċċji in natura li jkopru r-riskju li għalih id-dritt għal benefiċċji tali qed jintalab, dawn id-dispożizzjonijiet ikollhom bħala effett li jipprekludu l-istituzzjoni kompetenti milli tagħti dawn il-benefiċċji in natura.

56 Fil-fatt, l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, bħala li jipprojbixxi lil Stat Membru milli jagħti lill-ħaddiema u lill-membri tal-familja tagħhom protezzjoni soċjali iktar wiesgħa minn dik li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-imsemmi regolament, tmur lil hinn mill-għan ta' dan ir-regolament u fl-istess ħin toħroġ mill-portata u mill-kuntest tal-Artikolu 42 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 1980, Jordens-Vosters, 69/79, Ġabra p. 75, punt 11; tal-5 ta' Lulju 1988, Borowitz, 21/87, Ġabra p. 3715, punt 24, u tal-20 ta' Mejju 2008, Bosmann, C-352/06, Ġabra p. I-3827, punti 27 sa 29 u 33).

57 Fid-dawl ta' dak kollu li jippreċedi, l-ewwel domanda għandha tintwieġeb fis-sens li, meta, għad-differenza tas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat kompetenti, dik tal-Istat Membru fejn tirrisjedi persuna dipendenti, assigurata bħala membru tal-familja ta' ħaddiem impjegat jew ħaddiem li jaħdem għal rasu fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71, ma tipprevedix l-għoti ta' benefiċċji in natura f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza bħal dawk ta' din il-persuna, l-Artikoli 19 jew 22(1)(b) ta' dan ir-regolament ma jirrikjedux, *per se*, l-għoti ta' benefiċċji tali barra mill-Istat kompetenti minn jew f'isem l-istituzzjoni kompetenti.

Fuq it-tieni domanda

58 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju, li tirreferi għall-ipoteżi fejn il-benefiċċji in natura huma previsti għall-benefiċċju tal-assigurati bħala membri tal-familja ta' ħaddiem impjegat jew ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu li jinsabu f'sitwazzjoni ta' dipendenza bħal dik ta' P. von Chamier-Glisczinski permezz tas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat kompetenti, iżda mhux minn dak tal-Istat Membru ta' residenza, tistaqsi jekk l-Artikoli 18 KE, 39 KE jew 49 KE, jipprekludux, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, leġiżlazzjoni bħal dik stabbilita mill-Artikolu 34 tas-SGB XI, li abbażi tagħha istituzzjoni kompetenti tirrifjuta li tieħu akkarigu tagħha, irrispettivament mill-mekkaniżmi stabbiliti mill-Artikolu 19 jew, meta jkun il-każ, l-Artikolu 22(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 u għal perijodu ta' żmien indeterminat, spejjeż relatati mar-residenza fi stabbiliment tal-kura li jinsab fl-Istat Membru ta' residenza sa ammont ekwivalenti għall-benefiċċji li l-persuna kkonċernata tkun intitolata għalihom li kieku tingħatalha l-istess assistenza fi stabbiliment irrikonoxxut li jinsab fl-Istat kompetenti.

59 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkunsidra li, bis-saħħa tal-Artikolu 39 KE, il-benefiċċji in natura intiżi sabiex jikkuraw assigurat kopert mill-assigurazzjoni għaddipendenza għandhom ukoll jiġu pprovduti mill-Istati Membri oħra barra mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tal-inqas fil-forma ta' rimbors jew ħlas dirett, sa ammont massimu Ġermaniż, tal-ispejjeż tal-kura.

60 Inversament, il-Gvern Ġermaniż isostni li, bl-istess mod it-Trattat KE ma jimponix li tiġi alterata — abbażi ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt primarju — ir-regola tad-dritt sussidarju ta' non-esportazzjoni ta' benefiċċji in natura f'ċerti sitwazzjonijiet, id-dritt primarju ma jinkludix bażi legali diretta li tista' takkomplixxi jew tissostitwixxi din ir-regola.

61 Min-naħa tiegħu, il-Gvern Norveġiż jirreferi għal karatteristiċi ta' servizzi pprovduti fi stabbiliment tal-kura speċjalizzata sabiex isostni li, fil-kawża prinċipali, m'hemmx dritt għall-ħlas dirett ta' ċerti mill-ispejjeż relatati ma' dawn is-servizzi abbażi tal-Artikoli 39 KE u 49 KE.

62 Fl-aħħar, il-Kummissjoni ssostni li, billi r-Regolament Nru 1408/71 jirregola sitwazzjonijiet bħal dik fil-kawża prinċipali, użu tad-dritt primarju f'din il-kawża huwa possibbli biss f'każ ta' illegalità tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-regolament. Issa, dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex invalidi fid-dawl tad-dritt primarju. Ir-regoli ta' kunflitt jew ta' koordinazzjoni kkontenuti fih huma neċessarji sabiex jiġi eskluż kumulu ta' benefiċċji u ġġustifikati minn kunsiderazzjonijiet prattiċi.

63 L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll mill-Artikolu 152(5) KE jirriżulta li d-dritt Komunitarju ma jnaqqas xejn mill-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom, u partikolarment, sabiex jieħdu miżuri bil-għan li jorganizzaw u jagħtu servizzi ta' saħħa u ta' kura medika (sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer, C-169/07, Ġabra p. I-1721, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell Komunitarju, hija għalhekk il-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' għoti tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom josservaw id-dritt Komunitarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms, C-157/99, Ġabra p. I-5473, punti 44 sa 46, u dik tat-18 ta' Marzu 2004, Leichtle, C-8/02, Ġabra p. I-2641, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata), b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat

dwar il-moviment liberu tas-servizzi (ara s-sentenza tad-19 ta' April 2007, Stamatelaki, C-444/05, Ġabra p. I-3185, punt 23), il-moviment liberu tal-ħaddiema (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, Petersen, C-228/07, Ġabra p. I-6989, punt 42) kif ukoll il-libertà ta' kull ċittadin tal-Unjoni Ewropea li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod fit-territorju tal-Istati Membri (ara s-sentenzi tat-23 ta' Novembru 2000, Elsen, C-135/99, Ġabra p. I-10409, punt 33, u tal-21 ta' Frar 2008, Klöppel, C-507/06, Ġabra p. I-943, punt 16).

64 Barra minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi adotta r-Regolament Nru 1408/71, il-Kunsill, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li huwa għandu fir-rigward tal-għażla tal-miżuri l-iktar adegwati sabiex jintlaħaq ir-riżultat imsemmi fl-Artikolu 42 KE (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' April 1999, Nijhuis, C-360/97, Ġabra p. I-1919, punt 30), ħeles prinċipalment mill-obbligu, li jirriżulta mill-missjoni li ġie fdat biha permezz ta' dan l-artikolu, li jistabbilixxi sistema li tippermetti lill-ħaddiema jgħelbu l-ostakoli li jistgħu jirriżultaw għalihom mir-regoli nazzjonali stabbiliti fil-qasam tas-sigurtà soċjali (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 1995, Vougioukas, C-443/93, Ġabra p. I-4033, punt 30; Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14, u tas-16 ta' Diċembru 2004, My, C-293/03, Ġabra p. I-12013, punt 34). F'din il-kawża, ma ġiex sostnut li l-Artikoli 19 jew 22, jew xi artikolu ieħor tar-Regolament Nru 1408/71 huwa invalidu fil-konfront ta' sitwazzjonijiet bħal dik li tat lok għall-kawża prinċipali, u ebda element ta' natura li jissuġġerixxi dan ma ġie ppreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja.

65 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 50 u 52 ta' din is-sentenza, il-mekkaniżmi stabbiliti skont il-każ mill-Artikolu 19 jew l-Artikolu 22 tar-RegolamentNru 1408/71 jirriflettu x-xewqa tal-leġiżlatur Komunitarju li jiffavorixxi soluzzjoni li skontha, fir-rigward tal-benefiċċji dwar mard in natura, l-assigurati jkollhom aċċess, fl-Istat Membru ta' residenza jew ta' għixien, għall-kura adattata għall-istat ta' saħħa tagħhom bl-istess mod bħall-persuni koperti mis-sistema tas-sigurtà soċjali ta' dan l-Istat Membru (ara wkoll, f'dan is-sens, rigward l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 2003, van der Duin et ANOZ Zorgverzekeringen, C-156/01, Ġabra p. I-7045, punt 50, u tat-12 ta' April 2005, Keller, C-145/03, Ġabra p. I-2529, punt 45). Huwa minnu li, konformi mal-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 1408/71, f'każ ta' residenza barra mill-Istat kompetenti, il-benefiċċji in natura mħallsa mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza f'isem l-istituzzjoni kompetenti, bis-saħħa b'mod partikolari tad-dispożiz-

zjonijiet tal-Artikoli 19 u 22 ta' dan ir-regolament, jagħtu lok għal rimbors kollu minn din l-aħħar istituzzjoni. Madankollu, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, il-leġiżlatur Komunitarju seta' leġittimament jagħżel, fid-dawl b'mod partikolari tal-ħtieġa eventwali li tingħata kura urġenti barra mill-Istat kompetenti, li ma jirrikjedix mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza li tipprovdi, minkejja l-kumplikazzjonijiet prattiċi u amministrattivi li jistgħu jirriżultaw, benefiċċji in natura konformi mal-leġiżlazzjoni applikata mill-istituzzjoni kompetenti, leġiżlazzjoni li l-istituzzjoni tal-post ta' residenza mhijiex neċessarjament familjari magħha.

66 Għalhekk, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tinftiehem bla ħsara għas-soluzzjoni li tirriżulta mill-applikabbiltà eventwali ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Acereda Herrera, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38). Fil-fatt, il-konstatazzjoni li miżura nazzjonali tista' tkun konformi ma' dispożizzjoni ta' att ta' dritt derivat, f'dan il-każ ir-Regolament Nru 1408/71, ma għandhiex neċessarjament bħala effett li tneħħi din il-miżura mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll, C-158/96, Ġabra p. I-1931, punt 25, u tas-16 ta' Mejju 2006, Watts, C-372/04, Ġabra p. I-4325, punt 47). Minn dan isegwi li l-applikabbiltà, meta jkun il-każ, tal-Artikoli 19 jew 22 tar-Regolament Nru 1408/71 għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma teskludix, fiha nfisha, li l-persuna kkonċernata setgħet talbet, taħt id-dritt primarju, il-ħlas dirett ta' ċerti spejjeż għal kura rċevuta f'dar tal-kura li tinsab fi Stat Membru ieħor b'kundizzjonijiet differenti minn dawk previsti fl-imsemmija artikoli (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel *et*, C-368/98, Ġabra p. I-5363, punti 37 sa 53, u Watts, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

67 F'dan il-każ, jeħtieġ jiġi vverifikat minn qabel, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni tal-elementi tal-fajl spjegati fil-punti 21 sa 30 ta' din is-sentenza, jekk sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet iċċitati fit-tieni domanda preliminari, jiġifieri l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 49 KE. F'dan ir-rigward, il-Gvern Ġermaniż u Norveġiż u kif ukoll il-Kummissjoni, fid-dawl tal-elementi fattwali esposti fid-deċiżjoni tar-rinviju u fir-risposti għat-talba għal kjarifiki msemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza, jesprimu d-dubji tagħhom dwar l-applikabbiltà tal-Artikoli 39 KE u 49 KE. Barra dan, il-Gvern Norveġiż u l-Kummissjoni jqisu li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tirrispondi għal din id-domanda fid-dawl tal-Artikolu 18 KE.

68 Rigward l-ewwel nett l-applikabbiltà tal-Artikolu 39 KE, jeħtieġ jiġi mfakkar mill-bidu nett li l-kunċett ta' "ħaddiem" fid-dritt Komunitarju mhuwiex univoku, iżda jvarja skont il-qasam ta' applikazzjoni kkunsidrat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2005, Dodl u Oberhollenzer, C-543/03, Ġabra p. I-5049, punt 27). B'hekk, il-kunċett ta' ħaddiem użat fil-kuntest tal-Artikolu 39 KE u tar-Regolament Nru 1612/68 ma jikkoinċidix neċessarjament ma' dak ikkonċernat fil-qasam tal-Artikolu 42 KE u tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala, C-85/96, Ġabra p. I-2691, punti 31, 32, 35 u 36).

69 Fir-rigward tal-Artikolu 39 KE, hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' ħaddiem, fis-sens ta' dan l-artikolu għandu tifsira Komunitarja u ma għandux jiġi interpretat b'mod restrittiv. Għandha tiġi kkunsidrata bħala "ħaddiem" kull persuna li teżerċita attivitajiet reali u effettivi, bl-esklużjoni ta' attivitajiet li huma tant minimi li għandhom jiġu kkunsidrati bħala purament marġinali u anċillari. Il-karatteristika tar-relazzjoni ta' xogħol hija, skont din il-ġurisprudenza, il-fatt li persuna twettaq matul ċertu żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li b'korrispettiv għalihom hija tirċievi remunerazzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Lawrie-Blum, 66/85, Ġabra p. 2121, punti 16 u 17; Trojani, iċċitata iktar 'il fuq, punt 15, u Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

70 Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza li ċ-ċittadini ta' Stat Membru li jkunu qed ifittxu impjieg fi Stat Membru ieħor jidħlu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 39 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 1991, Antonissen, C-292/89, Ġabra p. I-745, punti 12 u 13; tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32; tat-23 ta' Marzu 2004, Collins, C-138/02, Ġabra p. I-2703, punt 57; Ioannidis, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21, u tal-4 ta' Ġunju 2009, Vatsouras u Koupatantze, C-22/08 u C-23/08, Ġabra p. I-4585, punt 36).

71 Is-Sur von Chamier-Glisczinski jiddikjara tabilħaqq li, meta ttieħdu d-deċiżjonijiet mid-DAK imsemmija fil-punti 25 u 28 ta' din is-sentenza, huwa kien qed ifittex xogħol fl-Awstrija u li s-sitwazzjoni ta' martu, bħala membru tal-familja tiegħu, waqgħet taħt l-Artikolu 39 KE.

72 Madankollu, kif jirriżulta mill-punti 26, 27 u 29 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha ebda element insostenn ta' din l-affermazzjoni. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 27 ta' din is-sentenza, l-indikazzjonijiet ipprovduti mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, minn naħa, fl-ittra msemmija tagħha fil-punt 22 ta' din is-sentenza u, min-naħa l-oħra, fis-seduta għat-trattazzjoni, mhumiex totalment konsistenti u jħallu jinftiehem li, meta ttieħdu l-imsemmija deċiżjonijiet mid-DAK, is-Sur von Chamier-Glisczinski, billi ħa l-passi sabiex imexxi f'ismu impriża li tinsab fl-Awstrija filwaqt li kompla jirrisjedi fil-Ġermanja, ma għamilx użu mil-libertà li jiċċaqlaq żgurat mill-Artikolu 39 KE.

73 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 39 KE ma jidhirx li huwa applikabbli fil-kawża prinċipali.

74 Sussegwentement, rigward l-Artikolu 49 KE, għandu jiġi osservat mill-bidu nett li ebda dispożizzjoni tat-Trattat ma tippermetti li jiġi ddeterminat, b'mod astratt, it-tul jew il-frekwenza li abbażi tagħha l-provvista ta' servizz jew ta' ċertu tip ta' servizz ma jkunx jista' iktar jitqies bħala provvista ta' servizzi fis-sens tat-Trattat. B'hekk, il-kunċett ta' "servizz" fis-sens tat-Trattat jista' jkopri servizzi ta' natura differenti ħafna, inkluż servizzi li l-provvista tagħhom hija mifruxa fuq perijodu imtawwal, tabilħaqq fuq numru ta' snin (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2003, Schnitzer, C-215/01, Ġabra p. I-14847, punti 30 u 31, u tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-171/02, Ġabra p. I-5645, punt 26).

75 Madankollu, jirriżulta mill-ġurisprudenza li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-provvista libera tas-servizzi ma jikkonċernawx is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru li jistabbilixxi r-residenza prinċipali tiegħu b'mod permanenti jew, f'kull każ, mingħajr limitazzjoni previdibbli ta' tul ta' żmien, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, biex b'hekk ikun jista' jirċievi benefiċċji għal żmien indeterminat f'dan l-Istat (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1988, Steymann, 196/87, Ġabra p. 6159, punt 17, Trojani; iċċitata iktar 'il fuq, punt 28; tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen, C-200/02, Ġabra p. I-9925, punt 22, u, rigward l-istabbilimenti ta' kura speċjalizzata, tas-17 ta' Ġunju 1997, Sodemare *et*, C-70/95, Ġabra p. I-3395, punt 38).

76 F'dan il-każ, jidher, abbażi tal-informazzjoni mressqa fil-punti 22 sa 24 u kif ukoll 26 u 27 ta' din is-sentenza, li P. von Chamier-Glisczinski ma għexitx fl-Awstrija fil-kuntest tas-servizz temporanju ta' kura fl-istitut speċjalizzat li fih hija ġiet ammessa. Fil-fatt, jirriżulta minn din l-istess informazzjoni li hija kienet stabbilixxiet b'mod konsistenti r-residenza tagħha f'dan l-Istat Membru, mingħajr limitazzjoni previdibbli ta' żmien.

77 F'kundizzjonijiet tali, kif sostnut mill-Gvern Ġermaniż u Norveġiż u kif ukoll mill-Kummissjoni, l-Artikolu 49 KE ma jistax jiġi applikat fil-kuntest ta' dan ir-rinviju preliminari.

78 Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet dwar l-applikabbiltà tal-Artikoli 39 KE u 49 KE magħmula fil-punti 73 u 77 ta' din is-sentenza, jeħtieġ li jiġi mfakkar li, f'kull każ, P. von Chamier-Glisczinski, bħala ċittadina Ġermaniża, gawdiet mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni skont l-Artikolu 17(1) KE.

79 Billi marret l-Awstrija u billi stabbilixxiet fiha r-residenza tagħha, hija eżerċitat id-drittijiet mogħtija lilha mill-Artikolu 18(1) KE. Għalhekk, sitwazzjoni bħal tagħha taqa' taħt id-dritt tal-moviment u tar-residenza libera taċ-ċittadini tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li mhumiex ċittadini tiegħu.

80 F'dawn il-kundizzjonijiet, hemm lok li tiġi eżaminata s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 18(1) KE għal persuna dipendenti bħal P. von Chamier-Glisczinski, fil-kwalità tagħha ta' ċittadin tal-Unjoni.

81 Skont dan l-Artikolu, kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt tal-moviment u tar-residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, suġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet previsti mit-Trattat u mill-miżuri adottati għall-applikazzjoni tiegħu.

82 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza li l-possibbiltajiet offruti mit-Trattat fil-qasam tal-moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jipproduċu l-effetti sħaħ tagħhom jekk ċittadin ta' Stat Membru jista' jiġi dissważ milli jagħmel użu minnhom minħabba ostakoli magħmula fir-rigward tar-residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor minnħabba leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu li tippenalizzah minħabba l-fatt biss li huwa eżerċithom (ara s-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2007, Morgan u Bucher, C-11/06 u C-12/06, Ġabra p. I-9161, punt 26 u ġurisprudenza ċċitata, u tal-4 ta' Diċembru 2008, Zablocka-Weyhermüller, C-221/07, Ġabra p. I-9029, punt 34 u ġurisprudenza ċċitata).

83 F'dan il-każ, huwa tabilħaqq stabbilit li P. von Chamier-Glisczinski, wara li marret f'dar tal-kura li tinsab mill-Awstrija, li ma kinitx rikonoxxuta mill-Artikolu 72 tas-SGB XI, kienet, għal dak li jikkonċerna l-benefiċċji in natura previsti minn dan it-test, f'sitwazzjoni żfavorevoli meta mqabbla ma' dik li kienet tkun fiha kieku hija kienet talbet sabiex tibbenefika mill-assistenza totali skont l-Artikolu 43 tal-imsemmi test f'dar tal-kura rikonoxxuta li tinsab fil-Ġermanja.

84 Madankollu, filwaqt li l-Artikolu 42 KE jipprevedi koordinazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, u mhux l-armonizzazzjoni tagħhom, id-differenzi ta' mertu u ta' proċedura bejn is-sistemi tas-sigurtà soċjali ta' kull Stat Membru, u għaldaqstant, fid-drittijiet tal-persuni assigurati magħhom, mhumiex milquta minn din id-dispożizzjoni (ara, rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema, is-sentenzi tal-15 ta' Jannar 1986, Pinna, 41/84, Ġabra p. 1, punt 20; tat-30 ta' Jannar 1997, de Jaeck, C-340/94, Ġabra p. I-461, punt 18, u kif ukoll Hervein u Hervillier, C-221/95, Ġabra p. I-609, punt 16).

85 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-Artikolu 18(1) KE ma jistax jiżgura lil assigurat li trasferiment fi Stat Membru ieħor ikun newtrali għal dak li jirrigwarda s-sigurtà soċjali, b'mod partikolari fuq il-pjan tal-benefiċċji tal-mard (ara, b'analoġija għall-Artikolu 39 KE, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2002, Hervein *et*, C-393/99 u C-394/99, Ġabra p. I-2829, punt 51, u tad-9 ta' Marzu 2006, Piatkowski, C-493/04, Ġabra p. I-2369, punt 34). Kif osservat mill-Kummissjoni, fid-dawl tad-disparitajiet li jeżistu bejn is-sistemi u l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, trasferiment bħal dan jista', skont il-każ, ikun ftit jew wisq vantaġġjuż jew żvantaġġjuż għall-persuna kkonċernata, skont il-kombinazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli bis-saħħa tar-Regolament Nru 1408/71.

86 B'hekk, is-sitwazzjoni ta' P. von Chamier-Glisczinski wara li marret f'dar tal-kura fl-Awstrija rriżultat pjuttost mill-applikazzjoni kombinata, konformi mar-Regolament Nru 1408/71, tal-leġiżlazzjonijiet Ġermaniżi u Awstrijaċi fir-rigward tar-riskju ta' dipendenza iktar milli mil-leġiżlazzjoni taħt l-Artikolu 34 tas-SGB XI. Fil-fatt, fejn il-benefiċċji in natura kienu previsti mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza bħal dik tal-persuna kkonċernata, konformi ma' dan ir-regolament, dawn il-benefiċċji kien messhom ingħataw lill- persuna kkonċernata mill-istituzzjoni tal-post ta' residenza irrispettivament minn dak li tipprovdi l-leġiżlazzjoni Ġermaniża f'dan ir-rigward, u din l-istituzzjoni kienet tkun irrimborsata mill-istituzzjoni kompetenti, skont l-Artikolu 36 tal-imsemmi regolament.

87 F'dawn il-kundizzjonijiet, peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija setgħu jagħżlu liberament il-modalitajiet tas-sistemi tagħhom ta' assigurazzjoni għall-mard, ebda minn dawn is-sistemi ma tista' tiġi meqjusa bħala l-kawża ta' diskriminazzjoni jew żvantaġġ biss minħabba li hemm konsegwenzi żfavorevoli meta din is-sistema hija applikata, konformi mal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 42 KE, flimkien mas-sistema tal-Istat Membru ieħor.

88 Fid-dawl ta' dak kollu li jippreċedi, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li, meta, għad-differenza tas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat kompetenti, dik tal-Istat Membru ta' residenza ta' persuna dipendenti, assigurata bħala membru tal-familja ta' ħaddiem imġjegat jew ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71, ma tipprevedix is-servizz ta' benefiċċji in natura f'sitwazzjonijiet partikolari ta' persuni dipendenti, l-Artikolu 18 KE ma jipprekludix f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, leġiżlazzjoni bħal dik stabbilita mill-Artikolu 34 tas-SGB XI, li abbażi tagħha istituzzjoni kompetenti tirrifjuta li tieħu akkarigu tagħha, irrispettivament mill-mekkaniżmi stabbiliti mill-Artikolu 19 jew, meta jkun il-każ, l-Artikolu 22 (1)(b) ta' dan ir-regolament u għal perijodu ta' żmien indeterminat, l-ispejjeż relatati mar-residenza fi stabbiliment tal-kura li jinsab fl-Istat Membru ta' residenza sa ammont ekwivalenti għall-benefiċċji li l-persuna kkonċernata tkun intitolata għalihom li kieku tingħatalha l-istess assistenza fi stabbiliment irrikonoxxut li jinsab fl-Istat kompetenti.

Fuq l-ispejjeż

89 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi li:

1) Meta, għad-differenza tas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat kompetenti, dik tal-Istat Membru fejn tirrisjedi persuna dipendenti, assigurata bħala membru tal-familja ta' ħaddiem impjegat jew ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi [tas-sistemi] tas-siġurtà soċjali għal ħaddiema impjegati, ħaddiema li jaħdmu għal rashom u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni emendat tiegħu u rivedut mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1386/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Ġunju 2001, ma tipprevedix l-għoti ta' benefiċċji in natura f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza bħal dawk ta' din il-persuna, l-Artikoli 19 jew 22(1)(b) tal-imsemmi regolament ma jirrikjedux, per se, l-għoti ta' benefiċċji tali barra mill-Istat kompetenti minn jew f'isem l-istituzzjoni kompetenti.

2) Meta, għad-differenza tas-sistema tas-sigurtà soċjali tal-Istat kompetenti, dik tal-Istat Membru ta' residenza ta' persuna dipendenti, assigurata bħala membru tal-familja ta' ħaddiem impjegat jew ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni emendata u rriveduta mir-Regolament Nru 118/97, kif emendat permezz tar-Regolament Nru 1386/2001, ma tipprevedix is-servizz ta' benefiċċji in natura f'sitwazzjonijiet partikolari ta' persuni dipendenti, l-Artikolu 18 KE ma jipprekludix f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, leġiżlazzjoni bħal dik stabbilita mill-Artikolu 34 tat-Titolu XI tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali (Sozialgesetz-

buch), li abbażi tagħha istituzzjoni kompetenti tirrifjuta li tieħu akkarigu tagħha, irrispettivament mill-mekkaniżmi stabbiliti mill-Artikolu 19 jew, meta jkun il-każ, l-Artikolu 22(1)(b) ta' dan ir-regolament u għal perijodu ta' żmien indeterminat, l-ispejjeż relatati mar-residenza fi stabbiliment tal-kura li jinsab fl-Istat Membru ta' residenza sa ammont ekwivalenti għall-benefiċċji li l-persuna kkonċernata tkun intitolata għalihom li kieku tingħatalha l-istess assistenza fi stabbiliment irrikonoxxut li jinsab fl-Istat kompetenti.

Firem